Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,299, 9 ta' Awwissu, 2024
Taqsima B

A.L. 190 tal-2024

ATT DWAR L-AGRIKOLTURA
(KAP. 639)

Regolamenti tal-2024 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa
(A.L. 122 tal-2024)
(L.S. 639.10)

Avviż ta' Bidu fis-Seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 1(3) tar-Regolamenti tal-2024 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u affarijiet rurali stabbilixxa d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż Legali bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-istess regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ.